MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta tal-11 ta' Marzu, 2013

Numru. 231/2013

Il-**Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**Vs**

**Stefan Briffa ta' 26 sena, bin Mario u Emmanuela xebba Baldacchino, imwieled il-Pieta` nhar it-22 ta' Gunju, 1986 u residenti 5, "Sunrise", Triq G. Tragance, Hal-Luqa detenitur tal-Karta ta' Identita` Nru: 288686(M)**

**U**

**Antonio Briffa ta' 34 sena, bin Mario u Emmanuela xebba Baldacchino, imwieled il-Pieta` nhar is-27 t' Awwissu, 1978 u residenti 93, "Nid d' Amour", Triq Guze D' Amato, Hal-Tarxien detenitur tal-Karta ta' Identita` Nru: 402078(M)**

**Illum it-Tnejn 11 ta' Marzu, 2013.**

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **Stefan Briffa** u **Antonio Briffa** fejn gew akkuzati illi, fl-10 ta' Marzu, 2013 ghal habta tat-15:30 p.m., gewwa Triq Sant' Anna, fil-Furjana ghamiltu is-segwenti:

Minghajr il-hsieb li toqtlu jew li tqieghdu il-hajja ta' WPS33 Bernadette Valletta kif wkoll ta' WPS217 Alison Formosa f' periklu car, ikkagunajtulhom hsara fil-gisem jew fis-sahha liema hsara hija ta' natura hafifa u dan bi ksur ta' l-Artikoli 221, 22(1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi ma obdejtux l-ordni legittima ta' l-awtorita` jew ta' wiehed inkarigat minn servizz pubbliku, jew ma hallwjtux jew fixkiltu waqt li kienu qieghdin jaghmlu d-dmirijiet taghhom u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (ee) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi volontarjament ksirtu l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku u dan bi ksur ta' l-Artikolu 338 (dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stefan Briffa wahdek gejt akkuzat talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi soqt, ippruvajt issuq jew kont fil-kontroll ta' vettura bil-mutur jew vettura ohra fi Triq jew f' post pubbliku iehor waqt li kont ikkonsmajt tant alcohol li l-proporzjoni tieghu fin-nifs, fid-damm jew fl-urina kien izjed mill-limitu preskritt u dan b' ksur ta' l-Artikolu 15B tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stefan Briffa wahdek gejt akkuzat talli fl-istess cirkustanzi soqt vettura bin-numru ta' registrazzjoni STE-128 tat-tip Mitsubishi, b' manjiera perikoluza u traskurata u dan bi ksur ta' l-Artikolu 15 (1) (a), tal-Kapitolu 65 tal-Ligijiet ta' Malta;

Stefan Briffa wahdek gejt akkuzat talli fl-istess data, lok u hin garrejt `il barra minn xi ffond jew id-dintorni tieghu xi sikkina jew strument li jaqta` jew bil-ponta ta' liema xorta

kien minghajr m’ ghandu licenza jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija u dan bi ksur ta’ l-Artikolu 6 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat il-Ligi;

Rat l-ammissjoni;

Rat id-dokumenti kollha prezentati mill-prosekutur;

Regghet semghet l-ammissjoni ta’ l-akkuzati;

Fehmet ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u wara semghet it-trattazzjoni fuq il-piena;

Filwaqt li ssib lill-imputati t-tnejn li huma hatja ta’ l-akkuzi lilhom migjuba;

Tikkundanna lill-Antonio Briffa piena ta’ prigunerija ta’ gimgha sospiza ghal sena;

Filwaqt li tikkundanna lill-Stefan Briffa piena ta’ prigunerija ta’ xahar sospiza ghal sentejn u tissospendi l-licenzja tas-sewqan ta’ l-istess Stefan Briffa ghal perjodu ta’ sitt (6) xhur millum.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------